SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla, ikkostitwita minn ħames Imħallfin sedenti)

13 ta' Mejju 2026*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Kodiċi Doganali tal-Unjoni – Dritt għal azzjoni legali – Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 – Deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni tariffarja vinkolanti – Rimedju ġudizzjarju – Rettifika – Effett retroattiv"

Fil-Kawża T-150/25,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2025, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Frar 2025, fil-proċedura

Zollamt Österreich

fil-preżenza ta':

G GmbH

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla, ikkostitwita minn ħames Imħallfin sedenti),

komposta minn M. Sampol Pucurull (Relatur), President, T. Pynnä, J. Laitenberger, M. Stancu u W. Valasidis, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Martín y Pérez de Nanclares,

Reġistratur: P. Cullen, amministratur,

wara li rat it-trażmissjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tat-talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Marzu 2025, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 50b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

wara li rat is-suġġett imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50b tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-assenza ta' domanda indipendenti ta' interpretazzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 50b tal-imsemmi statut,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tal-10 ta' Diċembru 2025,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal G, minn W. Gappmayer, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Taljan, minn S. Fiorentino, bħala aġent, assistit minn F. Meloncelli, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Demeneix u B. Eggers, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2026,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 33, 34, 44 u 45 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Unjoni").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn G GmbH u z-Zollamt Österreich (l-Uffiċċju Doganali Awstrijak, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju Doganali") dwar il-klassifikazzjoni tariffarja tat-turniketti li jintużaw darba biss permezz ta' deċiżjoni fil-qasam ta' informazzjoni tariffarja vinkolanti (iktar 'il quddiem il-"BTI").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 26 u 27 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jipprovdu:

"(26) Sabiex jinstab bilanċ bejn, min-naħa, il-ħtieġa li l-awtoritajiet doganali jiżguraw li l-leġislazzjoni doganali tkun applikata sew u, min-naħa l-oħra, id-dritt biex l-operaturi ekonomiċi jkunu trattati b'mod ġust, l-awtoritajiet doganali għandhom jingħataw poteri estensivi ta' kontroll u l-operaturi ekonomiċi għandhom jingħataw dritt għal appell.

(27) Skond il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li, flimkien mad-dritt ta' l-appell kontra kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet doganali, ikun hemm lok biex kull persuna tingħata dritt li tiġi mismugħa qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwaha ħażin. […]"

4 It-Taqsima 3, intitolata " Deċiżjonijiet marbutin mal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali", tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, tinkludi l-Artikoli 22 sa 37.

5 L-Artikolu 33 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat " Deċiżjonijiet marbutin ma' [BTI]", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"1. L-awtoritajiet doganali għandhom, wara applikazzjoni, jieħdu deċiżjonijiet marbutin mal-[BTI] […].

[…]"

6 L-Artikolu 34 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat " Ġestjoni ta deċiżjonijiet marbuta ma' [BTI]", jipprovdi fil-paragrafi 1 u 3 sa 6 tiegħu:

"1. Deċiżjoni BTI għandha titlef il-validità tagħha qabel tmiem il-perijodu msemmi fl-Artikolu 33(3) fejn hija ma tibqax konformi mal-liġi, bħala riżultat ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-adozzjoni ta' emenda għan-nomenklaturi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 56(2);

(b) l-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 57(4);

b'effett mid-data ta' applikazzjoni ta' tali emenda jew miżuri.

[…]

3. Id-deċiżjonijiet BTI […] m'għandhomx jitilfu l-validità tagħhom b'effett retroattiv.

4. B'deroga mill-Artikolu 23(3) u l-Artikolu 27, deċiżjonijiet BTI […] għandhom ikunu annullati fejn ikunu bbażati fuq informazzjoni mill-applikanti li mhix preċiża jew li mhix sħiħa.

5. Deċiżjonijiet BTI […] għandhom ikunu rrevokati skont l-Artikolu 23(3) u l-Artikolu 28. Madankollu, dawn id-deċiżjonijiet m'għandhomx jkunu revokati wara applikazzjoni tad-detentur tad-deċiżjoni.

6. Id-deċiżjonijiet BTI […] ma jistgħux jkunu emendati."

7 It-Taqsima 6 intitolata "Appelli", tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, tinkludi l-Artikoli 43 sa 45.

8 L-Artikolu 44 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat "Id-dritt ta' appell", jipprevedi:

"1. Kwalunkwe persuna għandu jkollha d-dritt li tappella kontra kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet doganali marbuta mal-applikazzjoni ta' legislazzjoni doganali li tikkonċernaha direttament u individwalment.

[…]

2. Id-dritt tal-appell jista' jkun eżerċitat mill-anqas f'żewġ stadji:

(a) inizjalment, quddiem l-awtoritajiet doganali jew awtorità ġudizzjarja jew korp ieħor maħtur għal dik il-għan mill-Istati Membri;

(b) sussegwentement, quddiem korp indipendenti ogħla, li jista' jkun awtorità ġudizzjarja jew korp ekwivalenti speċjalizzat, skont il-provvedimenti fis-seħħ fl-Istati Membri.

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura tal-appelli tippermetti l-konferma jew il-korrezzjoni minnufih ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet doganali."

9 L-Artikolu 45 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, intitolat "Is-sospensjoni tal-implimentazzjoni", jipprevedi:

"1. Il-preżentazzjoni ta' appell m'għandhiex tikkawża s-sospensjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni fil-vertenza.

2. Madankollu, l-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu l-implimentazzjoni ta' tali deċiżjoni kollha kemm hi jew parti minnha fejn għandhom raġuni tajba biex jemmnu li d-deċiżjoni fil-vertenza hija inkonsistenti mal-leġislazzjoni doganali jew li hemm biża' li ssir ħsara irreparabbli lill-persuna kkonċernata.

[…]"

Id-dritt Awstrijak

10 L-Artikolu 279 tal-Bundesabgabenordnung (il-Kodiċi Federali tat-Taxxi) jipprevedi:

"(1) Ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 278, il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva) għandha dejjem tiddeċiedi hija stess fuq il-mertu tal-kawża. Hija tista', kemm fid-dispożittiv kif ukoll fil-motivi, tissostitwixxi l-perspettiva tal-awtorità tat-taxxa b'dik tagħha u, konsegwentement, temenda d-deċiżjoni kkontestata, tannullaha jew tiċħad l-ilment bħala infondat.

(2) L-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għandu l-effett li jqiegħed il-proċedura fl-istat li kienet tinsab fih qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

[…]."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 Fis-27 ta' Ottubru 2022, l-Uffiċċju Doganali, fuq talba ta' G, ħareġ deċiżjoni BTI għal prodott imsejjaħ "turnikett li jintuża darba biss" li huwa kklassifika taħt il-kodiċi tal-merkanzija 4008 2190 00, b'perijodu ta' validità ddikjarat mis-27 ta' Ottubru 2022 sas-26 ta' Ottubru 2025.

12 Fit-22 ta' Novembru 2022, G ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni tal-Uffiċċju Doganali fejn sostniet li l-klassifikazzjoni tariffarja kienet materjalment inkorretta. L-Uffiċċju Doganali ċaħad dan l-ilment.

13 Fil-5 ta' Mejju 2023, G ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju Doganali quddiem il-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi, l-Awstrija). Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Marzu 2024, il-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi) laqgħet ir-rikors u emendat din id-deċiżjoni billi kklassifikat il-prodott inkwistjoni taħt il-kodiċi tal-merkanzija 4014 9000 00, b'effett mid-data li fiha l-imsemmija deċiżjoni kienet inħarġet mill-Uffiċċju Doganali.

14 L-Uffiċċju Doganali ppreżenta appell għal *reviżjoni* mid-deċiżjoni tal-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi) quddiem il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), li hija l-qorti tar-rinviju, minħabba li, billi bbażat ruħha fuq l-Artikolu 279 tal-Kodiċi Federali tat-Taxxi, il-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi) kellha l-intenzjoni li temenda retroattivament id-deċiżjoni BTI, li ma huwiex permess mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, b'mod partikolari skont l-Artikolu 34(3) u (6) tiegħu.

15 Skont il-qorti tar-rinviju, konformement mal-Artikolu 279(1) tal-Kodiċi Federali tat-Taxxi, il-Bundesfinanzgericht (il-Qorti Federali tal-Finanzi) kellha s-setgħa li tissostitwixxi l-opinjoni tagħha għal dik tal-Uffiċċju Doganali u għalhekk li temenda d-deċiżjoni inkwistjoni b'effett retroattiv mid-data li fiha din kienet inħarġet mill-Uffiċċju Doganali.

16 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jipprevedi espressament li annullamenti retroattivi ta' deċiżjonijiet BTI iseħħu biss meta dawn ikunu bbażati fuq informazzjoni ineżatta jew inkompleta pprovduta mill-applikant, konformement mal-Artikolu 34(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, skont l-Artikolu 34(3) ta' dan il-kodiċi, it-terminazzjoni tal-validità tad-deċiżjonijiet BTI ma għandhiex effett retroattiv. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Artikolu 34(6) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jipprovdi li d-deċiżjonijiet BTI ma jistgħux jiġu emendati.

17 Il-qorti tar-rinviju tesprimi madankollu dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 34 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandux impatt fuq appelli ppreżentati skont l-Artikolu 44 ta' dan l-istess kodiċi.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri għandhom jiżguraw, skont l-Artikolu 44(4) ta[l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni], li l-proċedura tal-appell tippermetti konferma jew korrezzjoni fil-pront tad-deċiżjoni adottata mill-awtoritajiet doganali, l-Artikoli 33, 34, 44 u 45 tal-[imsemmi kodiċi] għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-deċiżjoni dwar appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta[l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni] kontra [BTI] mogħtija skont l-Artikolu 33 tal-imsemmi [kodiċi] għandha effett retroattiv mid-data li fiha din [il-BTI] ngħatat mill-uffiċċju doganali?

2. Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: L-Artikoli 33, 34, 44 u 45 ta[l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, fir-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom, li d-deċiżjoni dwar appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta' dan i[l-kodiċi] kontra [BTI] mogħtija skont l-Artikolu 33 ta[l-imsemmi kodiċi] għandha effett retroattiv mid-data tal-għoti ta' din [il-BTI] mill-uffiċċju doganali?"

Fuq id-domandi preliminari

19 Permezz taż-żewġ domandi preliminari tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 44(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja adita b'appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta' dan il-kodiċi kontra deċiżjoni BTI għandha effett retroattiv mid-data tal-ħruġ ta' din id-deċiżjoni BTI mill-awtoritajiet doganali.

20 Skont l-Artikolu 44(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, id-detentur ta' deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet doganali dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali għandu jkollu d-dritt li jippreżenta appell kontra l-imsemmija deċiżjoni.

21 Barra minn hekk, skont il-paragrafu 4 tal-istess artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedura tal-appelli tippermetti l-konferma jew ir-rettifika malajr ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet doganali.

22 Minn dan jirriżulta li d-deċiżjonijiet adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom bħala konsegwenza jew il-konferma, fil-każ ta' ċaħda tar-rikors, jew ir-rettifika, fil-każ li jintlaqa' r-rikors, tad-deċiżjonijiet BTI ikkontestati quddiemhom.

23 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 44(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jippreċiżax b'liema mod għandha ssir ir-rettifika tad-deċiżjonijiet BTI, peress li la jipprovdi definizzjoni tal-kelma "korrezzjoni" u lanqas ma jagħmel riferiment għad-dritt nazzjonali f'dan ir-rigward.

24 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tal-kliem li fir-rigward tagħhom id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdi ebda definizzjoni u ma jagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri għandha tiġi stabbilita konformement mas-sens normali tagħhom fil-lingwaġġ kurrenti, fid-dawl tal-kuntest li fih jintużaw u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li jagħmlu parti minnha (ara s-sentenza tal-20 ta' Novembru 2025, Servoprax (Turniketti mediċi) (C-631/23, EU:C:2025:906, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, skont is-sens normali fil-lingwaġġ ta' kuljum, il-kelma "korrezzjoni [rettifika]" hija ddefinita bħala l-azzjoni ta' korrezzjoni jew emenda ta' xi ħaġa sabiex issir preċiża jew adegwata.

26 Għalkemm il-formulazzjoni tal-Artikolu 44(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma tippermettix li jiġi ddeterminat b'mod inekwivoku jekk ir-rettifika li huwa jipprevedi tipproduċix effetti retroattivi, għandu madankollu jiġi rrilevat li rettifika malajr ta' deċiżjoni illegali BTI tista' twassal għall-emenda retroattiva ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, b'dan il-mod, id-detentur tad-deċiżjoni BTI inkorretta jibbenefika minn rettifika sħiħa intiża b'mod partikolari sabiex tiġi introdotta l-klassifikazzjoni xierqa, peress li l-BTI inkorretta hija meqjusa li qatt ma kienet valida.

27 Għaldaqstant, fl-assenza ta' riferiment kuntrarju fil-formulazzjoni tal-Artikolu 44(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, il-kunċett ta' rettifika jista' jinftiehem bħala li ma jeskludix rettifika retroattiva intiża sabiex tagħti lid-deċiżjoni BTI l-kontenut li hija kellu jkollha sa mill-adozzjoni tagħha.

28 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-analiżi kuntestwali, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li la l-Artikolu 33 u lanqas l-Artikolu 34 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jistgħu jkunu rilevanti sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja adita b'appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta' dan il-kodiċi kontra deċiżjoni BTI għandha effett retroattiv mid-data tal-ħruġ ta' din id-deċiżjoni mill-awtoritajiet doganali.

29 Fil-fatt, l-Artikoli 33 u 34 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, minn naħa, u l-Artikolu 44 ta' dan il-kodiċi, min-naħa l-oħra, jinsabu f'taqsimiet differenti tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, peress li tal-ewwel jinsabu fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I ta' dan il-kodiċi, intitolata "Deċiżjonijiet marbutin mal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali", u t-tieni jinsab fit-Taqsima 6, intitolata "Appelli", tal-istess kapitolu.

30 Barra minn hekk, l-Artikolu 33 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jagħti l-kompetenza għall-ħruġ ta' BTI lill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali. Barra minn hekk, l-Artikolu 34 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jirregola l-ġestjoni tal-BTI u, b'mod iktar preċiż, it-tmiem tal-validità, ir-revoka, l-emenda jew l-annullament tad-deċiżjonijiet BTI mill-awtoritajiet doganali. Issa, l-awtoritajiet ġudizzjarji inkarigati li jiddeċiedu, konformement mal-Artikolu 44 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar l-appelli mid-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet doganali għandhom jiġu distinti minn dawn tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, OGL-Food Trade Lebensmittelvertrieb, C-770/21, EU:C:2023:690, punt 69).

31 Għalhekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-effetti *ratione temporis* tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet doganali ma jistgħu la jikkundizzjonaw lil dawk tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji u lanqas ma jistgħu jinfluwenzaw dawn tal-aħħar, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma allinjax it-trattament tal-awtoritajiet ġudizzjarji ma' dak tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet doganali.

32 Konsegwentement, il-kwistjoni tan-natura retroattiva jew le tad-deċiżjonijiet meħuda wara appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma hijiex irregolata mill-Artikoli 33 u 34 ta' dan l-istess kodiċi.

33 It-tieni nett, mill-Artikolu 45 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li jinsab fl-istess taqsima bħall-Artikolu 44 ta' dan il-kodiċi, jirriżulta li l-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu, kompletament jew parzjalment, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni BTI li tkun is-suġġett ta' appell meta jkollhom raġunijiet fondati sabiex jiddubitaw il-konformità tal-imsemmija deċiżjoni mal-leġiżlazzjoni doganali jew sabiex jaħsbu li hemm biża' ta' dannu irreparabbli għall-persuna kkonċernata.

34 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-qorti nazzjonali adita b'kawża rregolata mid-dritt tal-Unjoni trid tkun f'pożizzjoni li tagħti rimedju provviżorju sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tas-sentenza li għandha tingħata fuq l-eżistenza tad-drittijiet invokati skont id-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, l-Artikolu 45 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jillimitax is-setgħa li għandhom l-awtoritajiet ġudizzjarji, aditi b'appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta' dan l-istess kodiċi, li jissospendu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata sabiex jikkonformaw ruħhom mal-obbligu tagħhom li jiżguraw l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2001, Kofisa Italia, C-1/99, EU:C:2001:10, punti 48 u 49).

35 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għoti ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni neċessarjament imur id f'id mal-possibbiltà li tinbidel b'mod retroattiv is-sitwazzjoni legali tal-operaturi ekonomiċi sabiex jiġu evitati lilhom danni finanzjarji indebiti meta deċiżjoni inizjali tirriżulta żbaljata.

36 Għaldaqstant, l-Artikolu 45 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jistax jillimita l-possibbiltà li għandhom l-awtoritajiet ġudizzjarji aditi b'appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta' dan il-kodiċi kontra deċiżjoni BTI, li jagħtu effett retroattiv għad-deċiżjoni meħuda fuq dan l-appell sabiex jikkonformaw ruħhom mal-obbligu tagħhom li jiżguraw l-effettività sħiħa tal-imsemmi appell.

37 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat li tali interpretazzjoni hija sostnuta wkoll mill-għan tal-Artikolu 44 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li huwa intiż li jiggarantixxi d-dritt tal-operaturi ekonomiċi li jippreżentaw appell kontra deċiżjoni ta' awtorità doganali.

38 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessi 26 u 27 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, huma l-Istati Membri li għandhom jipprevedu sistema ta' rimedji ġudizzjarji u proċedura li jippermettu li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif iggarantit mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

39 Issa, appell ma jistax jitqies li huwa effettiv jekk ma jeliminax is-sitwazzjoni li tirriżulta minn BTI illegali u ma jpoġġix lill-operatur ekonomiku detentur tad-deċiżjoni dwar din il-BTI fis-sitwazzjoni li kien ikun fiha li kieku l-illegalità inkwistjoni ma seħħitx.

40 Bl-istess mod, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li jitħallew fis-seħħ l-effetti ta' deċiżjoni BTI meqjusa illegali jista' jmur kontra d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, peress li tali effetti jinżammu fir-rigward ta' operatur ekonomiku li jkun madankollu ppreżenta, fit-termini previsti, appell kontra d-deċiżjoni BTI.

41 Kif jirriżulta mill-punti 26 u 27 iktar 'il fuq, l-Artikolu 44(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ma jistax, barra minn hekk, jipprekludi li l-awtoritajiet ġudizzjarji, aditi b'appell skont l-Artikolu 44(2) tal-imsemmi kodiċi, jordnaw li d-deċiżjoni mogħtija fuq appell ippreżentat kontra deċiżjoni BTI għandha effett retroattiv mid-data tal-ħruġ ta' din il-BTT mill-awtorità doganali, sabiex jikkonformaw ruħhom mal-obbligu tagħhom li jiżguraw l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni.

42 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li ċ-ċertezza legali hija fost in-numru ta' prinċipji ġenerali rrikonoxxuti fid-dritt tal-Unjoni. In-natura definittiva ta' deċiżjoni amministrattiva, miksuba mal-iskadenza ta' termini raġonevoli għall-preżentata ta' rikors jew permezz tal-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji, tikkontribwixxi għall-imsemmija ċertezza legali u minn dan jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li korp amministrattiv ikun, bħala prinċipju, obbligat li jmur lura fuq deċiżjoni amministrattiva li tkun kisbet tali natura definittiva (sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Kühne & Heitz, C-453/00, EU:C:2004:17, punt 24).

43 Madankollu, kif tfakkar mill-Avukat Ġenerali fil-punti 60 u 61 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi biss li l-effetti ta' deċiżjoni BTI li tkun is-suġġett ta' appell isiru definittivi, fil-każ ta' kontestazzjoni, biss mill-mument li fih dan tal-aħħar ikun ġie definittivament miċħud jew, fin-nuqqas ta' appell, b'effett mill-iskadenza tat-termini previsti għal dan l-għan.

Għalhekk, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jistax jiġi invokat sabiex jiġġustifika ż-żamma tal-effetti ta' deċiżjoni BTI fil-perijodu bejn id-dħul fis-seħħ tagħha u l-mument li tintlaqa' l-azzjoni ġudizzjarja mressqa kontra tagħha.

44 Barra minn hekk, kuntrarjament għall-argument tal-Gvern Taljan li jgħid li huwa diffiċli li jiġi żgurat l-għarfien effettiv, mill-Istati Membri l-oħra kollha, ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali ta' annullament jew ta' rettifika li għandha effett retroattiv, għandu jiġi kkonstatat li, konformement mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet […] [tal]-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 558, rettifiki fil-ĠU 2016, L 87, p. 35 u fil-ĠU 2017, L 101, p. 195), sistema informatika implimentata skont l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tintuża għall-finijiet tal-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet BTI jew dwar kull avveniment sussegwenti li jista' jkollu effett fuq l-applikazzjoni jew id-deċiżjoni inizjali. Konsegwentement, u kif ikkonfermat il-Kummissjoni Ewropea waqt is-seduta, meta deċiżjoni BTI tiġi annullata jew emendata wara deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja, l-informazzjoni għandha tiġi introdotta mill-awtorità doganali kkonċernata f'din is-sistema informatika permezz ta' kodiċi ta' invalidità marbuta mad-deċiżjoni BTI, flimkien mad-data korrispendenti, u għandha għalhekk tkun viżibbli għall-awtoritajiet doganali l-oħra kollha.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi preliminari għandha tkun li l-Artikolu 44(4) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja adita b'appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) ta' dan il-kodiċi kontra deċiżjoni BTI għandha effett retroattiv mid-data tal-ħruġ ta' din id-deċiżjoni BTI mill-awtoritajiet doganali.

Fuq l-ispejjeż

46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti Ġenerali, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla, ikkostitwita minn ħames Imħallfin sedenti)

taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li d-deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja adita b'appell ippreżentat konformement mal-Artikolu 44(2) tal-imsemmi regolament kontra deċiżjoni fil-qasam ta' informazzjoni tariffarja vinkolanti għandha effett retroattiv mid-data tal-ħruġ ta' din id-deċiżjoni fil-qasam ta' informazzjoni tariffarja vinkolanti mill-awtoritajiet doganali.

Sampol Pucurull Pynnä Laitenberger

Stancu Valasidis

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Mejju 2026.

Firem